MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 24/2010

Borg Aluminium Limited

vs

Anthony Muscat

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-22 ta’ Gunju 2010, li jaqra hekk :-

‘Peress illi l-attur ghamel diversi xogholijiet ta’ aperturi konsistenti fi twieqi u bibien ta’ l-aluminium jew taz-zingu u xogholijiet ohra relatati, dan fuq inkarigu tal-konvenut ;

U peress illi l-kont ghal dawn ix-xogholijiet intala’ ghal elfejn, mitejn u tliet ewro (€2203), u peress illi l-partijiet kienu ftiehemu illi parti mill-kont kellu jigi pacut ma’ hlas ghal servizzi ta’ bajjad illi l-konvenut irrenda lis-socjeta’ attrici, liema servizzi kienu jammontaw ghas-somma ta’ tmien mija u tmienja u tletin ewro (€838) pari ghal Lm360 ;

U peress illi ghalhekk jifdal jithallas bilanc lill-attur is-somma ta’ elf tliet mija u hamsa u sittin ewro (€1,365) ;

Peress illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet, il-konvenut naqas illi jhallas dan l-ammont ;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tliet mija u hamsa u sittin ewro (€1,365) dovuti kif hawn fuq spjegat, bl-imghaxijiet mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha.’ ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-28 ta’ Lulju 2010, eccepixxa :-

‘ 1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess u fil-mertu l-ammont dovut huwa biss ta’ tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmi (€329.68) ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.’ ;

Fl-istess risposta tieghu l-konvenut ghamel kontro-talba kontra s-socjeta’ attrici li permezz taghha qed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-istess socjeta’ attrici thallsu l-ammont ta’ elf tmien mija u tlieta u sebghin Euro u tnejn u tletin centezmi (€1873.32) dovuti lilu minnha. Bl-ispejjez.

Ghal din il-kontro-talba s-socjeta’ attrici pprezenta r-risposta taghha fid-9 ta’ Awwissu 2010, fejn eccepiet illi :-

‘ 1. Is-socjeta’ attrici ma ghandha taghti xejn minn dak mitlub fil-kontro-talba u kif imsemmi fit-talba originali tas-socjeta’ attrici s-somma attwalment dovuta fl-ammont ta’ tmien mija u tmienja u tletin ewro (€838) pari ghal tliet mija u sittin liri Maltin (Lm360) gia’ giet mnaqqsa mill-ammont dovut lill-kumpannija attrici ;

2. Illi s-ocjeta’ attrici ma ghandha taghti xejn minn dak mitlub fil-kontro-talba u fit-talba originali taghha hija kienet gia’ naqqset l-ammont ta’ €838 pari ghal Lm360 li verament kellha taghti lill-konvenut ;

3. Illi kien il-konvenut li talab li parti minn dak minnu dovut tigi pacuta ma’ xoghol ta’ zebgha ta’ appogg u xoghol simili li ghalih il-partijiet ftiehemu prezz ta’ Lm360 ;

4. Illi fil-kontro-talba tieghu l-konvenut ma hux qed jghid ta’ xhiex qed jippretendi dak l-ammont ;

5. Illi l-kontro-talba tal-konvenut hija nfondata fid-dritt u fil-fatt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.’ ;

Sama’ l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din hi kawza ta’ reklam semplici ghal hlas ta’ xoghol li sar mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-konvenut konsistenti f’bieb ta’ garage taz-zingu u xoghol ta’ aperturi ta’ aluminium u servizzi ohra li twahhlu fil-fond numru 41, Triq Ir-Ramla, Nadur, li huma elenkati fl-invoices bin-numri 504663 u 504702 a fol.21 u 22 tal-process li l-prezz taghhom gie jammonta ghal elfejn mitejn u tliet Euro (€2203). Is-socjeta’ attrici tirrikonoxxi li l-konvenut kien ghamel xoghol ta’ tibjid ta’ hajt tal-appogg f’bini tas-socjeta’ attrici fuq inkarigu taghha u li tieghu ghandha taghtih il-hlas ta’ tmien mija u tmienja u tletin Euro (€838), li wara li naqqsitu mill-ammont li ghandha tiehu minghand il-konvenut, qed titolbu l-bilanc tal-hlas ta’ elf tliet mija u hamsa u sittin Euro (€1365) ;

Il-konvenut qed jecepixxi li t-talba attrici hija preskritta bla ma nvoka l-artikolu u l-paragrafu tal-ligi partikolari ghall-kaz taht ezami. Illi minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111

tal-Kap 16, dan it-Tribunal huwa marbut li jqis biss il-preskrizzjoni kemm il-darba tigi nvokata mill-konvenut b'riferenza specifika ghall-artikolu tal-ligi, u ma jistax minn rajh iqis li jezisti terminu preskrittiv, ukoll jekk dan jezisti, il-ghaliex, jekk isir dan, it-Tribunal ikun qed jindahal u jissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma jistax jiehu inizzjattiva [ara Prim'Awla, '**Ronald Nauci vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.**, 26.06.2003]. L-Att V ta' l-1995 mkien ma jghid illi n-normi tal-Kodici Civili li jghoddu ghall-istitut tal-preskrizzjoni ghandhom jigu regolati diversament fil-kazijiet trattati quddiem it-Tribunal minn dawk quddiem qrati ohra [Appell Inferjuri, **Martin Aquilina vs Christopher Friggieri**, 20 ta' Ottubru 2003]. Kif pacifikament akkolt f'bosta decizjonijiet "il-Qorti ma tistax *ex officio* taghti effetti ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata – artikolu 2111 tal-Kodici Civili - u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha." [**Kollez. Vol XXXIII.i.481**; **Vol XXIV.i.410**; **Vol XL.i.170**; **Grima**; **Vol.LXXII.iv.739**; **Francis Bugeja noe vs Indria Mercieca**, Qorti tal-Appell, 29 ta' Mejju 2000] ;

Illi ghalhekk in bazi ghall-konsiderazzjonijiet premessi l-ewwel eccezzjoni hija insostenibbli ;

Illi t-tieni eccezzjoni tirrigwarda l-mertu. Il-konvenut jikkontendi li huwa m'ghandux jaghti lis-socjeta' attrici l-ammont pretiz minnha, izda ammont inqas, u cioe' ta' tliet mija u disa' u ghoxrin Euro u disgha u sittin centezmi (€329.69) ;

In propositu jigi rilevat li s-socjeta' attrici ressqet provi kemm dokumentarji kif ukoll xhieda *viva voce* in sostenn tal-pretensjoni taghha. Il-konvenut minn naha tieghu ma ressaq ebda prova la dwar l-eccezzjoni fil-meritu u lanqas in sostenn tal-kontro-talba minnu proposta. Sakemm ippropona l-kontro-talba tieghu, l-attur m'ghamel xejn hazin jew kontra l-ligi tal-procedura, izda mbaghad waqaf hemm bla ma ssostanzja l-pretensjoni tieghu. Inghad li 'mid-dispozizzjonijiet tal-ligi johrog car li l-kontro-talba tista' ssir mhux biss meta tkun konnessa mat-talba tal-

attur izda tista’ ssir ukoll bi skop ta’ kompensazzjoni jew bl-iskop biex b’kull mod iehor iggib fix-xejn l-azzjoni ta’ l-attur jew timpedixxi l-effett tal-azzjoni attrici. Ghalhekk il-kontro-talba tista ssir bi skop ta’ tpacija.’ [Qorti tal-Kummerc, **Stephan Zrinzo Azzopardi noe vs Michael Vella noe**, deciza fl-24 ta’ Frar 1995] ;

Jirrizulta mill-provi li gew imressqa mis-socjeta’ attrici, li bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-konvenut, li s-socjeta’ attrici kienet ghamlet ix-xogholijiet li kienu gew ordnati lilha mill-konvenut li huma elenkati fl-invoices a fol.21 u 22 tal-process, liema xogholijiet il-konvenut baqa’ ma hallashomx. Is-socjeta’ attrici mhix tinnega li kienet inkarigat lill-konvenut ibajdilha hajt tal-appogg tal-bini taghha, u jidher li ma kenitx qed icahhad lill-konvenut mill-hlas li kellha taghtih ghal dan ix-xoghol li tieghu l-konvenut kien talabha hlas ta’ tmien mija u tmienja u tletin Euro (€838), liema hlas effettivament naqqsitu mill-hlas li originarjament kien qed jigi minnha pretis ta’ €2203, u pprocediet fil-konfront tal-konvenut biex tigbor il-bilanc ta’ elf tliet mija u hamsa u sittin Euro (€1365) ;

L-artikolu 1196 tal-Kodici Civili jistabilixxi li meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija *ipso iure*. Din it-tpacija ssir anke’ minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed b’iehor sa fejn ikunu ndaqs. L-artikolu 1197 ta’ l-istess Kodici jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta’ flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. Minn dan isewgi li t-tpacija sostnuta mis-socjeta’ attrici kemm fit-talba originali kif ukoll fir-risposta taghha ghall-kontro-talba tal-konvenut tammonta ghal ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacjut ma’ ammont iehor dovut minnha lill-konvenut (ara Prim’Awla, **Marianna Spiteri et vs Joseph Vella**, deciza fit-3 ta’ Mejju 1993) ;

Illi l-kontro-talba tal-konvenut ghall-hlas ta’ elf tmien mija u tlieta u sebghin Euro u tnejn u tletin centezmi (€1873.32) bl-ebda mod ma giet issostanzjata, u fin-nuqqas ta’ prova

ta’ dan d-debitu li qed jigi reklamat minghand is-socjeta’ attrici, it-talba ma tistax ghalhekk tintlaqa’ ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, kif ukoll jichad il-kontro-talba billi dwarha ma tressqu ebda provi mill-konvenut, qed jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tliet mija u hamsa u sittin Euro (€1,365), ammont bilancjali dovut ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, li l-konvenut naqas li jhallas lis-socjeta’ attrici tax-xoghol li kien gie minnu ordnat, esegwit, u li kien gie lilu kkonsenjat, bl-imghaxijiet b’effett mid-data tal-hrug tal-invoices relattivi sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------